



Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea
STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 121/15

Il-Lussemburgu, 8 ta' Ottubru 2015

Stampa u Informazzjoni

Koen Lenaerts elett President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

Wara t-tibdil parzjali tal-Membri tal-Qorti tal-Ġustizzja¹, Koen Lenaerts ġie elett, mill-Membri l-oħra tal-Qorti tal-Ġustizzja, illum stess, bħala President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għall-perijodu bejn it-8 ta' Ottubru 2015 u s-6 ta' Ottubru 2018. Huwa jieħu post Vassilios Skouris, wara l-waqfien mill-kariga ta' dan tal-aħħar.

Curriculum vitae ta' Koen Lenaerts

imwieled fl-1945; gradwat u dottorat fid-dritt (Katholieke Universiteit Leuven); Master of Laws, Master in Public Administration (Harvard University); assistent professor (1979-1983) u sussegwentement professor tad-dritt Ewropew fil-Katholieke Universiteit Leuven (mill-1983); référendaire fil-Qorti tal-Ġustizzja (1984-1985); professor fil-Collège d'Europe ta' Bruges (1984-1989); membru tal-Avukatura ta' Brussell (1986-1989); visiting professor fil-Harvard Law School (1989); Imħallef fil-Qorti tal-Prim'Instanza mill-25 ta' Settembru 1989 sas-6 ta' Ottubru 2003; Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja mis-7 ta' Ottubru 2003; Viċi President tal-Qorti tal-Ġustizzja mid-9 ta' Ottubru 2012 sas-7 ta' Ottubru 2015; President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea mit-8 ta' Ottubru 2015.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

Kuntatt għall-istampa: Christopher Fretwell ☎ (+352) 4303 3355

¹ Ara l-Istqarrija għall-istampa Nru [113/15](#) tal-5 ta' Ottubru 2015.